# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 52

11 ta' April, 2023

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.45 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier
Francesca Borg – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 52

52.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 50 – 9 u tal-Laqgħa b’urġenza Nru. 51-9;
52.3 Aġġornament dwar il-proġett ta’ pavimentar u rinovar ta’ Pjazza Santa Margerita;
52.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;
52.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
52.6 Komunikazzjoni;
52.7 Attivitajiet marbuta ma’ Jum Sannat, Wine Festival, Festa Għaġina;
52.8 Ilmenti u Suġġerimenti;
52.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 4/2023;
52.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

52.1.1 Is-Segrertarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li

## 52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 50 – 9 u tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 51 – 9

52.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċedenti Nru. 50 – 9 u tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 51 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 52.3 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita

52.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-proġett ta' riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita.

52.3.2 Is-Sindku beda l-aġġornament billi qal li l-kuntrattur issa beda jqaxxar il-wiċċ ta' l-art fejn il-każini bħala preparazzjoni biex issir is-sodda tal-konkos u eventwalment jibda l-pavimentar. Fl-aħħar laqgħa li ssir ta' kull ġimgħa, is-Sindku qal li staqsa lill-perit biex jimmarka fejn ġejjin il-bankini proposti. Fil-fatt, illum is-Sindku qal li ċempel lill-Kunsillier Bajada biex jagħti l-opinjoni tiegħu fuq din il-materja. Ġie rrimarkat li l-bankina tal-kantuniera ta' mall-knisja li tikser għal Triq Dun Xand Aquilina, kif inhi proposta ġejja l-barra ħafna u se toħloq inkonvenjent fuq l-immaniġġjar tat-traffiku. Il-Perit ġie notifikat fuq din is-sitwazzjoni anki għal-fatt li qabel ma tibda titqaxxar l-art u konsegwentement l-marki li saru ma' l-art jitneħħew, tkun tista tiġi kkoreġuta u amendata jekk jinħass il-ħtieġa. Il-Kunsillier Bajada kien ta' l-istess fehma u anki l-fatt li n-naħa l-oħra se tiġi l-bankina ta' l-istabbilimenti ta' l-ikel u għalhekk se jkun impossibli li jgħaddu żewġ karozzi minn direzzjoni opposti f'dik in-naħa. Il-Kunsillier Bajada issuġerixxa li f'dan il-każ jew jiġi irtirat spazju ta' parkeġġ ta' karozza u tinżel iktar l-isfel u jsir bankina għalxejn għalxejn. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri humiex ta' l-opinjoni li ssir laqgħa mal-Perit konċernat, liema proposta ġiet imwieġba fl-affermattiv, u għalhekk se tiġi skedata laqgħa mal-Perit fl-iqsar żmien possibli u anki għal-fatt li ssa hu ċans li jsiru xi aġġustamenti fid-disinjar tal-bankini. Relatat ma' din is-sitwazzjoni, is-Sindku stqarr li fil-passat kien hemm il-proposta li Triq Ta' Ċenċ tintuża biex jitla t-traffiku, waqt li Triq Dun Xand Aquilina isir aċċessibli biss biex jinżel it-traffiku. Hawnhekk, l-Kunsillier Bajada lmenta li f'dan il-każ anki trakkijiet ta' merkanzija se jsibu diffikulta biex jinżlu l-isfel minħabba l-wisgħa tal-bankina. Pero, jekk id-disinn tal-bankina se jibqa l-istess, ma jkunx hemm alternattiva li it-triq issir 'one way', liema suġġeriment kien ġie mgħoddi lill-Transport Malta, imma ġie rrifjutat.

52.3.3 Is-Sindku qal li hemm diffikulta oħra rigward l-allokazzjoni tat-tliet siġriet li baqa fil-pjazza. Waħda minnhom diġa tħawlet fis-central strip, pero it-tnejn l-oħra li kienu proposti fejn ġej

l-isem Ta' Sannat, hemm high tension tad-dawl għaddej u għalhekk ma jistgħux jitħawwlu siġar. Għalhekk, se ssir talba biex il-'high tension' jiġi mċaqlaq fis-'Service Culvert' li hemm qrib, liema talba se ssir lill-Inġinier tal-EneMalta.

52.3.4 Is-Sindku qal li rigward il-logħob ta' l-art fil-festa, ġie konkluż li ma jistgħux isiru toqob quddiem iz-zuntier, u għalhekk f'dan il-każ iridu jintużaw blokki tal-konkos bħala struttura biex jintrama dak li jgħidulu t-'tapit' u xi bċejjeċ ta' logħob ta' l-art ieħor. Is-Sindku qal li jridu jsiru madwar tnax il-blokka u staqsa lill-Kunsillier Bajada biex jieħu ħsieb u jara l-qisien meħtieġ.

52.3.5 Rigward l-għamara tal-pjazza, l-Perit għadu qed jiddisinja u anki bagħat ritratti lis-Sindku, li minn naħa tiegħu ġew murija lill-Kunsillieri preżenti. Ġie enfassizzat li l-materjal użat ma jkollux bżonn ta' ħafna manutenzjoni, madankollu jrid jkun jikkorispondi mal-karatteristiċi tal-pjazza u li jikkumplimenta l-pavimentar li se jkun użat. Is-Sindku semmha ukoll li s-sample tal-bolavostru taz-zuntier wasal u qed ġol-garaxx.

52.3.6 Is-Sindku qal li saret talba lill-botonista, biex josserva s-siġra l-kbira tal-Awrikarja u anki jissuġerixxi xi trattament jekk ikun meħtieġ.

52.3.7 Il-ViċiSindku staqsiet fejn se jinħadem ir-replika tas-salib li kien fil-Pjazza, bis-Sindku wieġeb li l-kuntrattur hu responsabbli u għalhekk m'għandux tweġiba.

52.3.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva dawn il-kontijiet relatati max-xogħol tal-proġett tal-pjazza mill-laqgħa preċedenti l'hawn u li dawn se jintbagħtu lid-Direttur tal-EcoGozo (MGOZ) ġa la darba jiġu approvati mill-Kunsill. Dawn il-kontijiet huma:
Ing. Christian Cordina għal servizz ta' Project Manager għax-xahar ta' Marzu 2023 għall-prezz ta' €1260.00
AIS Environment Ltd għas-servizz ta' Archaelogical Monitoring għax-xahar ta' Jannar 2023 għall-prezz ta' €180.89
AIS Environment Ltd għas-servizz ta' Archaelogical Monitoring għax-xahar ta' Frar 2023 għall-prezz ta' €775.26

52.3.9 Il-Kunsill qabel li dawn jiġu approvati.

## 52.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

52.4.1 Rigward Triq Sannat, il-kuntrattur qed jistenna minn naħa tal-Enemalta biex ikun jista jikkomunika id-dawl mal-binjiet tad-djar minn taħt l-art, u hekk jiġu eleminati l-wires fl-ajru.

52.4.2 Fuq Il-Kalkara tal-Gir, l-kuntrattur għamel 'site meeting' mal-perit, u se ssir applikazzjoni ma' l-Awtorita ta' l-Ippjanar biex titranġa din il-binja, liema applikazzjoni ġiet sottomessa f'dan il-jum. Dan il-proġett se jiġi ffininanzjat minn fondi tal-LESA.

52.4.3 Fuq is-sala tal-Każin tal-Banda, it-tender li ħareġ ġiet miftuħa l-applikazzjoni, pero sfortunatament din kienet 'over-budget'. Dan jista' jagħti l-każ li l-ispesifikazzjonijiet li se jintużaw fil-materjal, mhux bilfors huma neċessarji. Il-kwotazzjoni tas-siġġijiet, kien hemm sottomissjoni ta' applikazzjoni li kienet madwar 1000 ewro inqas mill-istima oriġinali. Fil-jiem li ġejjin se toħroġ sejħa ta' interess fuq ix-xoghol tal-injam, gypsum, wall paper u anki tas-sistema tas-sound panel. Ta' min jgħid li dan it-tender diġa kien ħareġ u kien hemm sottomissjoni għal l-installar tal-'gypsum' biss, liema proposta kienet overbudget ta' 45% għalhekk din l-offerta għandha terġa toħroġ fl-iqsar żmien possibbli bis-sistema tal-epps.

52.4.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħal ma qal fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill għandu joħroġ sejħa tal-offerti għal xiri ta trakk biex il-ħaddiema assenjati mall-Kunsill ikollhom vettura biex tintuża għal ħtiġijiet tal-Kunsill. L-Inġinier lesta l-ispesifikazzjoni ftit neċessarji, liema trakk se jkollu kapjenza ta' żewġ persuni. Il-Kunsill qabel ma dan.

52.4.5 Is-Sindku qal li ssa li d-dinja terġa tibda tisħon il-Kunsill għandu jaħseb għal kwotazzjonijiet tal-ilma u tat-tisqija tas-siġar u l-arbuxelli li hawn fil-pots u s-soft areas madwar il-lokalita. Fis-soft area ta' Skerla hemm xi fjuri neqsin u għalhekk is-Sindku qal li mportanti li jerġgħu jitħawlu biex ikun hemm dehra isbaħ. Il-Kunsill qabel ma dan.

52.4.6 Se ssir kampanja dwar il-ħmieġ tal-klieb, speċjalemt għal-fatt li preżentement għadna naraw ħmieġ tal-klieb mat-toroq minkejja l-fatt li fir-raħal hemm diversi 'dog bins' u tabelli. Is-Sindku stqarr li hemm xi postijiet bħal f'Ta' Ċenċ li jridu jiġu mpoġġija dog bins. Din il-kampanja hija mmirata li jkun hemm possibilta li l-kunsill jipprovdi dog bags li jkunu disponibbli mal-bins inkella jinġabru mill-kunsill. Kif ukoll tkun esplorata l-possibilta li l-kunsill joffri dog dispenser skond kriterji stabbiliti minn qabel. Il-kampanja edukattiva trid tiġi ppromovuta permezz ta' leaflets li titqassam fid-djar tas-Sannatin. Il-Kunsill qabel ma dan.

52.4.7 Is-Sindku qal li bħal kull sena fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini l-beach cleaners talbu biex jinxtara l-materjal taż-żebgħa għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel ma dan.

52.4.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq talba ta' persuni li jiffrekwentaw din il-bajja hemm il-ħtieġa li jiġu nstallati bankijiet ġodda peress li dawk li għad fadal spiċċaw bl-elementi naturali. Il-Kunsill qabel biex tintalab 'quotation' ta' bankijiet preferebilment magħmula minn materjal riċiklabbli.

52.4.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ħaddiema assenjati mall-Kunsill li jikinsu u jnaddfu ġibdu l-attenzjoni li 3 bins minn Triq 28 ta' April 1688 u iehor fi Triq Xabbata spiċċaw bl-elementi naturali u jeħtieġ li dawn jinbidlu. Il-Kunsill qabel li dawn iridu jinbidlu.

52.4.10 Is-Sindku qal li l-ħaddiema assenjati mall-Kunsill li jnaddfu u jikinsu t-toroq qed jaħsbu u jitolbu minn issa biex fil-ġimgħa tal-festa jkollhom l-għajnuna biex it-toroq jkunu ndaf f'dik il-ġimgħa. Il-Kunsill għandu jiġbor kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol.

52.4.11 Is-Sindku qal li skond talba tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill l-uffiċċju jeħtieġ li tiġi mikrija photocopier ġdida li toffri aktar funzjonijiet għall-użu ta' l-uffiċċju. Il-Kunsill qabel li għandu jaħseb biex jgħamel dan.

52.4.12 Is-Sindku qal li l-Kunsill ircieva migħand l-Għaqda Nar 20 ta' Lulju biex fil-weekend tal-festa titulari l-Kunsill jikkolabora u jgħin billi jipprovdi insurance u fire engines għal dakinhar. Il-Kunsill qabel li jevalvaw l-ispejjeż neċessarji marbuta speċjalment fejn tidħol l-insurance, u issir diskussjoni fejn il-kunsill jista jgħin f'dan ir-rigward.

52.4.13 It-tender tar-refurbishment tas-sala tal-każin tal-banda minn Miżura 4 se terġa toħroġ b'accelerated procedure għal-fatt li din it-tender diġa kienet maħruġa u hemm urġenza għax l-fondi allokati daqt jagħlqu bir-riskju li jintilfu l-fondi. Il-Kunsillieri qablu .

## 52.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

52.5.1. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet.

52.5.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

## 52.6 Komunikazzjoni

52.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkulari mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl dwar:
Ċirkulari Numru 6/2023 – Kjarifika rigward permessi mogħtija mill-Kunsilli Lokali taħt ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsilli Lokali (Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04)
Ċirkulari Nurmu 7/2023 – Fondi Ewropej: Linja gwida lill-Kunsilli Reġjonali u Lokali dwar talbiet għal assistenza li jikkonċernaw proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Eropeja u fondi Internazjonali oħra.
Ċirkulari Numru 8/2023 – Ristrutturar u re-branding tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali
Ċirkulari Numru SPI/SCI/01/2023 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024. Il-Kunsill qabel li japplika minn din l-iskema.
Ċirkulari Numru SPI/SCI/02/2023 – Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex
Ċirkulari Numru SPI/SCI/03/2023 - Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023.
Ċirkulari Numru SPI/SCI/04/2023 - Skema Finanzjarja - Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati. Is-Sindku qal li l-kunsill għandu japplika biex jiġu nstallati kameras tas-sigurta. Il-Kunsill għandu jara dwar din l-iskema
Ċirkulari Numru SPI/SCI/05/2023 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku ssuġerixxa li għandha issir applikazzjoni biex jinbidlu l-playing equipment tal-playing field fi Triq Marziena. Il-fondi huma allokati għal-parti mill-ispiża. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li dawn l-iskemi ma humiex fully funded u l-Kunsill irid joħroġ parti perċentwali.

52.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-AKL u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
04 ta' April 2023 – Cir AKL 2023/023 – Times of Malta ESG Business Event – by PKF Malta
21 ta' Marzu 2023 – Cir AKL 2023/024 – Taħriġ – Keeping Minutes without losing hours!. Is-Segretarju tal-kunsill kien preżenti.

52.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn kienu dwar:
24 ta' Marzu 2023 – ATTN: PARTNER SEARCH Re. CERV Network of Towns (NT) Project – "Terre di Pace: Incontro fra i Popoli (Lands of Peace: Encounter between Peoples)"
03 ta' April 2023 – ATTN: JEF's European Benches Inititative Project

52.6.4 Is-Sindku qal li ħarġu fondi mmirati fuq il-ħitan tas-sejjieħ. Is-Sindku qal li qed jipproponi li japplikaw biex isiru l-ħitan tas-sejjieħ ta' Triq Mġarr ix-Xini. Hemm applikazzjoni tat-'town twinning'.

## 52.7 Attivitajiet marbuta ma' Jum Sannat, Wine Festival, Festa Għaġina

52.7.1 Jum Sannat – is-Serata Ta' Jum Sannat.

Din se tibda fis-7.00 p.m. b'quddiesa fil-knisja Santa Margerita u dritt wara tibda s-serata fil-pjazzetta L-Isqof Davide Cocco Palmieri. L-istage se jkun armat il-Ħamis 27 ta' April fi Triq il-Blat, u għalhekk trid tintbagħat nota u jsir avviż li t-triq se tingħalaq probabilment sat-Tnejn l-1 ta' Mejju. Din is-sena se ssir xi ħaġa nnovattiva, fejn se jintwera filmat tal-persuni li rebħu Ġieħ Sannat fl-imgħoddi u mistoqsija relatata mar-rikonoxximent li kienu rebħu. Sal-lum baqa' erba' persuni li għad iridu jiġu ntervistati. Liema intervisti huma ppjanati li jsiru għada.

52.7.2 Wine Festival – 30 ta' April
Id-disinn tal-poster se jkun l-istess bħal dak tas-sena l-oħra u se ssir kampanja ta' reklamar fuq l-istazzjonijiet tar-radju l-aktar popolari. Qed jinġiebu 'quotations' marbuta ma' dan ir-reklamar u hemm ottimiżmu li se tkun suċċess speċjalment li l-għada hija ġurnata pubblika. Il-Brand fuq it-tazza (EST! EST!! EST!!!) se tiġi 'engraved' mingħajr data u se jkun hemm varjazzjoni ta' għaxar tipi ta nbid differenti. Se jiġu mdendla bnadar u tiżjin ieħor fil-pjazza Coco Palmieri. Bħala 'entertainment' se jkun hemm 'Xarulu' b'diski renomati tal-Pink Floyd, Queen, Dire Straits etc., Mae Band u tagħlaq is-serata DJ Alessia De Martino.

52.7.3 Il-laqgħa ġiet sospiża fl-4.20 p.m. minħabba l-laqgħa annwali pubblika.

52.7.4 Il-laqgħa tkompliet kif kien maqbul mill-Kunsill fil-5.21 p.m.

## 52.8 Ilmenti u Suġġerimenti

52.8.1 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ, rigward ħofor fi Triq it-Tempju tal-Imramma. Is-Sindku qal li din kienet saret.

52.8.2 Resident li joqgħod fi Triq il-Kbira talab li tiġi rranġata ħofra kbira u perikoluza quddiem ir-residenza tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv informhom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ permess tas-sistema tal-*Works Requst System* sabiex ikun jista jsir dan u li din ġiet irranġata

52.8.3 Il-Kunsill irċieva imejl rigward talba biex issir bankina quddiem residenza ġdida fi Triq Skerla. Huwa qal li qegħdin fl-proċess biex jiġu nstallati l-main tal-ilma u drenaġġ u dawn għandhom ikunu lesti sa l-aħħar ta' Ġunju. Huwa talab jekk huwiex possibli li din l-bankina ssir fix-xhur tas-sajf wara li jkunu tlestew ix-xogħolijet kollha. Ser ssir applikazzjoni mall-Ministeru għal Għawdex bis-sistema tal-MGOZ.

52.8.4 B'referenza għall-ilment numru 14/2023, persuna talbet li jinbena ħajt perikoluż fi Triq tal-Gruwa. Il-Kunsill qabel biex ssir talba lis-sistema tal-MGOZ.

52.8.5 B'referenza għall-ilment numru 15/2023, resident li joqgħod fi Triq Marsilja ilmenta rigward bankina perikoluża quddiem ir-residenza tiegħu. Ser issir talba bis-sistema tal-MGOZ.

52.8.6 B'referenza għall-ilment numru 16/2023, resident li joqgħod fi Triq Xagħman, qed jitlob li ssir bankina ġdida quddiem ir-residenza tiegħu. Ser issir talba bis-sistema tal-MGOZ

52.8.7 L-Enemalta qed titlob li tigi trasferita bozza Nru 83 minn ma arblu għal ma binja, li din oriġinarjament kienet imwaħħla magħha. Jekk jsir dan, l-Kunsill ser ikollu jħallas għat-trasferiment ta' din l-bozza. Il-Kunsill qabel ma dan.

52.8.8 Is-Sindku qal li xi residenti minn Triq Falkun talbu li jsiru double yellow lines u biex isiru double yellow lines f'kull kantuniera tat-toroq il-Blat, Vincenzo Caurana Spiteri u Falkun.

52.8.9 Il-Kunsillier Bajada ressaq talba mingħand resident biex isir railing fi Triq Saguna quddiem post numru 66. Talab ukoll biex isir patching fil-kantuniera ta’ Triq Saguna, kif ukoll mera ġdida x’ħin toħrog minn triq l-10 ta’ Ottubru faċċata ta’ Triq l-Kbira

52.8.10 Is-Sindku talab li jsir refreshment taż-żebgħa tat-toroq.

52.8.11 Il-Kunsillier Tewma talab lis-segretarju tal-kunsill biex ifakkar il-perit imur fit-triq id-Daħla taċ-Ċnus biex jagħti l-opinjoni tiegħu fuq is-suġġeriment tiegħu li kien għamel fil-laqgħa preċedenti.

## 52.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 4/2023

52.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 4/2023 li ntbgħatet permezz ta’ imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-Viċi Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Tewma u ssekondata mill-Kunsillier Gauci. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 52.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

52.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 9 ta’ Mejju 2023, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 9 ta’ Mejju, 2023

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |